# Beatu Ġorġ Preca
## (1880-1962)
## Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina

Dun Ġorġ twieled fil-Belt Valletta, nhar it-12 ta' Frar 1880. Irċieva trobbija nisranija mingħand il-ġenituri tiegħu. L-istudji tiegħu għamilhom fil-Liċeo u fis-Seminarju. Kien ta' saħħa fraġli, tant li meta kien djaknu marad serjament u t-tabib tiegħu ma kellu ebda fiduċja li jfiq.

Iżda bl-interċessjoni ta' San Ġużepp, fieq u ordna saċerdot fit-22 ta' Diċembru 1906. Sa minn qabel ma sar qassis, Dun Ġorġ intebah li l-poplu ta' Alla kien jinħtieg min jgħallmu. Beda jikteb regola bil-Latin bil-ħsieb li jibgħatha lill-Papa San Piju X biex iwaqqaf soċjetà ta' djakni permanenti ħalli jgħinu lill-isqfijiet fil-formazzjoni nisranija bit-tagħlim.

Dan il-ħsieb kellu jseħħ xorta oħra. Dun Ġorġ beda jifforma hu stess grupp ta' żagħżagħ biex ikunu kapaċi jgħallmu lill-oħrajn. Xeħet attenzjoni speċjali fuq daqxejn ta' żagħżugħ jaħdem it-Tarzna, is-Serv t'Alla Ewgenju 'Ġeġè Borg', u kien jieħdu għalih waħdu biex jgħallmu u jfissirlu l-ħajja ta' Gesu Kristu skond l-Evangelju ta' San Ġwann. Ġeġè kellu jkun l-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà ta' Dun Ġorġ.

Is-Soċjetà rat il-bidu tagħha fl-ewwel xhur ta' l-1907, fil-Ħamrun, f'post fqir minn kollox iżda għani fl-imħabba ta' l-aħwa u t-tagħlim. Is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija hi magħrufa l-aktar bil-motto tagħha, M.U.S.E.U.M. -- Magister Utinam Sequator Evangelium Universus Mundus: Mgħallem, mhux li kien li d-dinja kollha timxi wara l-Evangelju! Mhux kulħadd fehem mill-ewwel x'ried jagħmel Dun Ġorġ. Kien hemm min fehemu ħazin. Il-Bibbja u t-teologija f'idejn lajċi ħaddiema kienet ħaġa ġdida. U kienet wisq aktar ġdida li dawn il-lajċi joħorgu ġot-toroq u l-pjazez ixandru l-Kelma ta' Alla lil kulħadd. Wara 25 sena l-Isqof ta' Malta approva r-Regola u s-Soċjeta ta Dun Ġorġ.



Id-Djar għat-tagħlim nisrani bdew jiftħu waħda wara l-oħra fil-parroċċi. Inħass il-bzonn kbir ta' l-edukazzjoni reliġjuża tal-poplu għax il-ħajja nisranija tal-kotra kienet mibnija fuq is-sagramenti u d-devozzjonijiet bla ma kien hemm għeruq sodi fit-tagħlim tal-Knisja. It-tfal bdew jiġu kuljum fid-Djar ta' Dun Ġorġ

għax hemm sabu nies dedikati li jgħinuhom jikbru, mhux biss fil-ħinijiet tat-tagħlim iżda wkoll waqt il-logħob.

Sa mill-bidu nett, Dun Ġorġ obbliga lill-katekisti ċelibi tal-Għaqda tiegħu li kuljum, wara li jkunu temmew jgħallmu liz-zgħar u lill-kbar, jiltaqgħu flimkien għal siegħa ta' formazzjoni.

Ma qagħadx lura milli jgħallem bil-kitba. Minkejja l-kwistjoni li kien hawn f'Malta bejn it-Taljan u l-Ingliż, Dun Ġorġ għallem u kiteb bil-Malti, il-lingwa tal-poplu, biex żgur kulħadd jifhem. Il-Publikazzjonijiet tiegħu, bejn kotba u fuljetti, ilaħħqu mal-150.

It-talb tiegħu, li minnu wasslilna ħafna u fuq bosta suġġetti, jikxef li Dun Ġorġ kien ruħ mistika medhija tfittex lil Alla biss. Mhux ta' b'xejn li kien konfessur imfittex ħafna għall-pariri, u jidher li Alla saħansitra nqeda bih biex ta l-fejqan lil xi uħud.

Il-karizma tiegħu li jgħallem għadha ħajja u l-vokazzjonijiet fis-Soċjeta tiegħu dejjem jiżdiedu. Fi żmienu, Dun Ġorġ innifsu bagħat sitt membri biex jevanġelizzaw fl-Awstralja. Bħalissa s-Soċjeta tal-M.U.S.E.U.M. għandha wkoll Djar tat-tagħlim u Skejjel fis-Sudan, fil-Kenja, fil-Peru, f'Londra u fl-Albanija.

Dun Ġorġ miet f'Santa Venera, fejn qatta' l-aħħar xhur ta' ħajtu, fis-26 ta' Lulju 1962. Il-fdal tiegħu jinsab midfun fil-kripta tad-Dar Generali tas-Soċjeta fil-Blata l-Bajda.

Il-Kawza ta-Beatifikazzjoni tiegħu, giet mibdija fl-1975 u 9 ta' Mejju 2001 Dun Ġorġ kien id-dikjarat Beatu mil-Papa Gwanni Pawlu II fil-Quddiesa tal-Beatifikazzjoni fuq il-Fosos Tal-Floriana, Malta. Nitolbu lil Alla bl-interċessjoni tal-Beatu Dun Ġorġ.

